Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2024/2051(INI)

20.03.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar baġit imġedded fit-tul għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel
(2024/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Hilde Vautmans

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jippreżenta dan li ġej lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli :

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Preambolu u l-Artikoli 24(1) u 42(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża: Il-kisba ta' tħejjija tal-UE permezz ta' Industrija Ewropea tad-Difiża reattiva u reżiljenti" (JOIN(2024)0010),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, skont l-Artikolu 311 TFUE, l-Unjoni hija meħtieġa tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq b'suċċess il-politiki tagħha;	A. ***billi l-Unjoni timmira li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha;*** billi, skont l-Artikolu 311 TFUE, l-Unjoni hija meħtieġa tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq b'suċċess il-politiki tagħha;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku ***u*** biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku; billi l-investiment pubbliku huwa essenzjali biex jinċentiva l-investiment privat;	C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv ***ġewwa u barra l-Unjoni***, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku, biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku ***u biex jiġu promossi l-paċi, is-sigurtà u l-progress fid-dinja***; billi l-investiment pubbliku huwa essenzjali biex jinċentiva l-investiment privat;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-kuntest li fih il-Kummissjoni se tħejji l-proposti tagħha għall-QFP ta' wara l-2027 huwa daqstantieħor ta' sfida, fejn l-ordni globali u ġeopolitika stabbilita qed tinbidel malajr u radikalment u l-baġit	G. billi l-kuntest li fih il-Kummissjoni se tħejji l-proposti tagħha għall-QFP ta' wara l-2027 huwa daqstantieħor ta' sfida, fejn l-ordni globali u ġeopolitika stabbilita qed tinbidel malajr u radikalment u l-baġit

tal-Unjoni jeħtieġ jinbidel kif meħtieġ;	tal-Unjoni jeħtieġ jinbidel kif meħtieġ; ***billi l-UE jeħtiġilha tadotta approċċ olistiku li fih il-programmi kollha ta' finanzjament tal-azzjoni esterna għandhom jinkludu dimensjoni ta' sigurtà; billi l-integrità territorjali tal-Unjoni tista' tiġi kkontestata fuq in-naħa tal-Lvant tagħha qabel tmiem il-QFP ta' wara l-2027;***

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi minħabba r-realtà ġeopolitika l-ġdida kkaratterizzata mir-ritorn ta' gwerra ta' intensità għolja fl-Ewropa u l-probabbiltà li l-agħar xenarji militari jimmaterjalizzaw fil-kontinent Ewropew, il-QFP ta' wara l-2027 irid jippermetti lill-UE tħejji ruħha għal aggressjoni militari potenzjali fit-territorju tagħha qabel tmiem dan id-deċennju;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi, fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles ta' Marzu 2022, l-Istati Membri impenjaw ruħhom b'mod kollettiv li jżidu b'mod sinifikanti n-nefqa fuq id-difiża u jinvestu fil-kapaċitajiet tad-difiża żviluppati b'mod kollaborattiv, kif ukoll fi proġetti konġunti u akkwist konġunt;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi, sabiex jiġu kkumpensati n-nuqqasijiet tal-baġit, kien hemm bosta soluzzjonijiet alternattivi li jagħmlu l-baġit aktar opak, li jimminaw ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur u awtorità baġitarja u ta' kwittanza u li jżomm l-eżekuttiv responsabbli;	H. billi, sabiex jiġu kkumpensati n-nuqqasijiet tal-baġit, kien hemm bosta soluzzjonijiet alternattivi li jagħmlu l-baġit aktar opak, li jimminaw ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur u awtorità baġitarja u ta' kwittanza u li jżomm l-eżekuttiv responsabbli; ***billi, fil-qasam tal-politiki barranin, tas-sigurtà u tad-difiża, jeħtieġ li jiġi rrispettat il-bilanċ istituzzjonali bejn il-funzjonijiet baġitarji tal-Kunsill u tal-Parlament;***

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li l-baġit fit-tul ta' wara l-2027 irid jitfassal u jkollu r-riżorsi sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha, tindirizza l-isfidi dejjem akbar li qed tiffaċċja, timmaniġġja u tħallas lura d-dejn tagħha b'mod sostenibbli, tirrispondi għal xokkijiet u kriżijiet u taġġusta għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu;	1. Jissottolinja li l-baġit fit-tul ta' wara l-2027 irid jitfassal u jkollu r-riżorsi sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha, ***tkun reżiljenti,*** tindirizza l-isfidi dejjem akbar li qed tiffaċċja, timmaniġġja u tħallas lura d-dejn tagħha b'mod sostenibbli, ***tipprepara u*** tirrispondi għal xokkijiet u kriżijiet u taġġusta għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;	6. Huwa konvint li ***l-kisba tas-sovranità tad-difiża tal-UE***, it-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali ***biex jiġu żgurati s-sigurtà fit-tul***, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn jidħol is-self f'oqsma strateġiċi ta' politika, bħall-klima u, tal-aħħar, għal proġetti ta' difiża b'użu doppju;	10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn jidħol is-self f'oqsma strateġiċi ta' politika, bħall-klima u, dan l-aħħar, għal proġetti ta' difiża;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jinkludi finanzjament ħafna akbar għall-enerġija, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, u għandha tingħata prijorità lill-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet nazzjonali b'valur miżjud Ewropew; iqis li infrastruttura bħal din timxi id f'id ma' approfondiment tas-suq uniku;	12. Jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jinkludi finanzjament ħafna akbar għall-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport filwaqt li tingħata prijorità lill-konnessjonijiet transfruntiera, u l-konnessjonijiet nazzjonali ***u b'użu doppju*** b'valur miżjud Ewropew; iqis li infrastruttura bħal din timxi id f'id ma' approfondiment tas-suq uniku;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali msaħħa u permezz ta' enfasi fuq setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi	16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali msaħħa u permezz ta' enfasi fuq setturi strateġiċi***, bħalma huma s-***

biex titnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi terzi;	***setturi tal-enerġija u tad-difiża,*** u teknoloġiji kritiċi biex titnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi terzi;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota li l-indipendenza enerġetika hija ta' importanza kritika għas-sigurtà tal-UE; jappella għal investiment f'inċentivi finanzjarji għall-Istati Membri li jinvestu fl-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija strateġika, b'mod partikolari fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli li jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-Russja u fornituri oħra li jippreżentaw riskji strateġiċi;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jmissu mar-Russja; jinsisti li l-QFP li jmiss jipprovdi appoġġ lil dawn ir-reġjuni;	20. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jmissu mar-Russja***, mal-Belarussja u mal-Ukrajna***; jinsisti li l-QFP li jmiss jipprovdi appoġġ lil dawn ir-reġjuni;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Ifakkar li s-sigurtà hija l-pedament għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-	25. Ifakkar li ***l-paċi u*** s-sigurtà ***huma*** l-pedament ***għall-istabbiltà u*** l-prosperità***,***

Unjoni u li l-QFP li jmiss irid jinvesti b'mod sinifikanti fis-salvagwardja tal-Unjoni kontra l-bosta theddidiet li tiffaċċja;	***tal-pożizzjoni globali*** u l-mudell soċjali tal-Unjoni u li l-QFP li jmiss***, hekk kif ir-rapport Draghi jindika b'mod ċar,*** irid jinvesti b'mod sinifikanti biex jipproteġi aktar lill-Unjoni mill-bosta theddidiet ***esterni eżistenzjali*** li tiffaċċja;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jissottolinja li, kif jidher biċ-ċar fir-rapport Niinistö, l-ordni globali frammentat, l-avvenimenti estremi tat-temp dejjem aktar frekwenti u intensi, it-theddida għas-sigurtà ppreżentata mir-Russja, it-tensjonijiet li qed jikbru globalment, il-kampanji ibridi, li jinkludu attakki ċibernetiċi, manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin, diżinformazzjoni u interferenza u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, u t-theddid għas-saħħa flimkien qed ikabbru l-instabbiltà u jżidu l-vulnerabbiltà tal-Unjoni;	26. Jissottolinja li, kif jidher biċ-ċar fir-rapport Niinistö, l-ordni globali frammentat***, ikkawżat minn poteri awtokratiċi u revižjonisti***, l-avvenimenti estremi tat-temp dejjem aktar frekwenti u intensi, it-theddida għas-sigurtà ppreżentata mir-Russja, it-tensjonijiet li qed jikbru globalment, il-kampanji ibridi, li jinkludu ***sabutaġġ***, attakki ċibernetiċi, manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin, diżinformazzjoni u interferenza u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, ***terroriżmu,*** u t-theddid għas-saħħa flimkien qed ikabbru l-instabbiltà u ***jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet*** tal-Unjoni;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrimarka li l-Unjoni kellha rwol vitali fil-kisba ta' paċi dejjiema fit-territorju tagħha u trid tkompli tagħmel dan billi taġġusta għar-realtà tal-gwerra fuq l-għatba tagħha u l-ħtieġa li tagħti spinta kbira lill-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tad-difiża, ferm lil hinn mill-allokazzjoni attwali;	27. Jinnota li l-Unjoni kellha rwol vitali fil-kisba ta' paċi dejjiema fit-territorju tagħha u trid tkompli tagħmel dan billi taġġusta għar-realtà ***ġdida*** tal-gwerra fuq l-għatba tagħha u l-ħtieġa li tagħti spinta kbira lill-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tad-difiża, ferm lil hinn mill-allokazzjoni attwali; ***ifakkar fil-ħtieġa li jintużaw il-mezzi li jrawmu kultura strateġika komuni fis-sigurtà u d-difiża li tippromwovi l-koeżjoni fost l-Istati***

	Membri u li tiżgura l-kondiviżjoni u l-valutazzjoni tal-intelligence mill-Istati Membri għal-livell tal-UE u rispons koordinat għat-theddid li qed tiffaċċja l-Unjoni; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kunsill Ewropew jappoġġja l-istabbiliment tal-Unjoni tad-Difiża mingħajr aktar dewmien;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li, skont il-President tal-Kummissjoni, ***id-distakk fl-infiq*** għad-difiża ***bħalissa huwa ta' EUR 500 biljun għad-deċennju li jmiss; jissottolinja li l-baġit*** tal-Unjoni ***waħdu ma jistax jimla dan id-distakk, iżda għandu rwol importanti x'jaqdi;***	28. ***Jisħaq li l-miri għad-difiża nazzjonali u kollettiva jirrikjedu sforzi sostanzjali ta' investiment fil-livell nazzjonali, li skont l-istimi*** tal-Kummissjoni ***jammontaw għal diversi punti perċentwali tal-PDG***; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' investimenti fit-tul fil-kapaċitajiet*** tad-difiża ***biex jittejbu l-awtonomija strateġika, il-koeżjoni fost l-Istati Membri u l-istat ta' tħejjija tad-difiża*** tal-Unjoni***;*** jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita struttura ta' governanza ċara u trasparenti għall-investimenti fis-sigurtà biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jissottolinja l-importanza ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kompetittiva u reżiljenti u jqis li l-investiment ***konġunt*** fil-livell tal-UE fid-difiża ***jista'*** jiġġenera ekonomiji ta' skala, u b'hekk iffrankar sinifikanti għall-Istati Membri, u li dan jgħin biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ***tat-tagħmir*** u ***s-sistemi; jindika l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi dirett lejn***	29. Jissottolinja l-importanza ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kompetittiva u reżiljenti ***li hija awtonoma u indipendenti minn atturi mhux Ewropej*** u jqis li l-investiment konġunt fil-livell tal-UE fid-difiża ***għandu*** jiġġenera ekonomiji ta' skala ***u skop***, u b'hekk iffrankar sinifikanti għall-Istati Membri, u li dan jgħin biex tiġi żgurata l-

l-industrija tad-difiża fi ħdan l-Unjoni, u b'hekk jinħolqu impjiegi ta' kwalità li jirrikjedu ħiliet għolja;	interoperabbiltà u ***l-effettività tal-forzi armati tagħhom***;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jindika l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi dirett lejn l-industrija tad-difiża fl-Unjoni, li jvarja minn SMEs sa kuntratturi ewlenin, u lejn it-taħriġ u l-edukazzjoni fil-qasam tad-difiża, biex b'hekk jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' ekosistema tad-difiża Ewropea bbilanċjata u strateġika, b'mod partikolari biex tiġi evitata l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri u biex jiġu indirizzati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-inizjattivi konġunti tal-akkwist tad-difiża tal-UE jkunu ta' benefiċċju mhux biss għall-atturi ewlenin tal-industrija tad-difiża iżda wkoll għal kumpaniji oħra, inklużi l-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u dawk il-kumpaniji li ma jaqgħux f'dawn il-kategoriji iżda li huma konsiderevolment iżgħar meta mqabbla mal-kumpaniji multinazzjonali li jistgħu jagħixxu bħala kuntratturi ewlenin f'inizjattivi konġunti għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u b'hekk tissaħħaħ il-katina tal-provvista kollha, kif ukoll jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-settur tad-difiża; jappella għal allinjament mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti Draghi u Niinistö biex tinħoloq ekosistema tad-difiża Ewropea bbilanċjata u strateġika;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jindika l-importanza ***tal-appoġġ fil-baġit*** għall-mobbiltà militari, ***li ttejjeb*** l-infrastruttura għal skopijiet militari u ċivili ***b'użu doppju*** u ***b'hekk tikkontribwixxi*** għall-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni;	30. Jindika l-importanza li ***jiżdiedu l-allokazzjonijiet*** fil-QFP għall-mobbiltà militari, l-infrastruttura ***tat-trasport, tal-enerġija u tad-data***, ***l-aġġornament u l-manutenzjoni tagħhom, tal-protezzjoni ċivili, tar-riċerka u l-iżvilupp kollaborattivi u l-innovazzjoni*** għal skopijiet militari u ċivili***, sabiex jissaħħu*** l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għad-difiża billi possibbilment iżidu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit tal-Unjoni, jintroduċu riżorsi proprji ġodda, jużaw mill-ġdid l-approprjazzjonijiet li ma ntefqux u jikkunsidraw il-ħruġ ta' dejn komuni u jadattaw ir-regoli tal-istabbiltà fiskali għall-Istati Membri; jinsisti li l-akkwist għandu jiffoka primarjament fuq il-forniturі mill-Istati Membri biex titrawwem is-sovranità teknoloġika u jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; ***jinsisti*** li ***l-***	33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; ***jirrikonoxxi*** li

QFP li jmiss jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa; jindika l-importanza tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku f'dan ir-rigward, u l-ħtieġa ta' appoġġ baġitarju kontinwu tal-Unjoni għal inizjattivi f'dawn l-oqsma;	***ċ-ċibersigurtà u l-innovazzjoni teknoloġika huma komponenti kritiċi tal-kompetittività u s-sigurtà globali tal-UE; jappella għal aktar investiment f'teknoloġiji emerġenti, bħall-IA u l-computing kwantistiku, biex tiġi żgurata t-tmexxija tal-UE f'dawn is-setturi strateġiċi u sabiex jiġi indirizzat it-theddid li qed jevolvi b'mod kostanti; jinsisti li l-QFP li jmiss irid jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa sabiex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni b'azzjonijiet ta' mitigazzjoni rapidi, effiċjenti u kkoordinati; jinnota l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tal-Unjoni***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jissottolinja l-importanza li jinbnew kapaċitajiet Ewropej ġodda fil-kuntest ta' gwerra ibrida u każijiet dejjem jiżdiedu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jkun hemm il-fondi meħtieġa biex tinbena b'mod effettiv ir-reżiljenza, kemm għall-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll għad-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi; jisħaq li l-media ħielsa u indipendenti għandha titqies bħala komponent fundamentali tar-reżiljenza tal-Ewropa, filwaqt li tissalvagwardja mhux biss il-fluss liberu tal-informazzjoni iżda wkoll il-mentalità demokratika, il-ħsieb kritiku u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati taċ-ċittadini Ewropej; jindika l-importanza ta' aktar investiment fil-ġurnaliżmu indipendenti, f'inizjattivi ta' verifika tal-fatti, fil-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku bħala tarka kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-

interferenza elettorali minn barranin;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament kontinwu, fil-QFP li jmiss, għal protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu miġġielda n-networks tat-traffikar u li jiġu ***indirizzati*** l-attakki ibridi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, b'mod partikolari minn pajjiż terz jew attur mhux statali ostili;	34. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament kontinwu, fil-QFP li jmiss, għal protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE ***, bħalma hija l-kostruzzjoni tat-Tarka tal-Lvant***; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu miġġielda n-networks tat-traffikar***; jappella għal approċċ komprensiv għas-sigurtà li jiġbor flimkien id-diplomazija, l-iżvilupp, l-isforzi biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza,*** u ***l-kooperazzjoni fis-sigurtà li tiżgura li l-politika barranija tal-UE ssaħħaħ l-istabbiltà — kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni ta' governanza inklużiva; jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati*** l-attakki ibridi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, b'mod partikolari minn pajjiż terz jew attur mhux statali ostili;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jinsisti li, f'kuntest ta' instabbiltà globali akbar, l-Unjoni jeħtieġ tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi u tappoġġja l-paċi, l-istabbiltà, il-prosperità, is-sigurtà, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli globalment, f'konformità mal-valuri tagħha;	35. Jinsisti li, f'kuntest ta' instabbiltà globali akbar, l-Unjoni jeħtieġ tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi u tappoġġja l-paċi, l-istabbiltà, il-prosperità, is-sigurtà, ***id-drittijiet tal-bniedem,*** id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli globalment, f'konformità mal-valuri tagħha ***u mal-impenji internazzjonali tagħha***; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-QFP li jmiss jipprovdi finanzjament robust u ddedikat għall-appoġġ għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fid-dawl***

tat-tendenza globali dejjem tikber lejn l-awtoritarjaniżmu;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jiddispjaċih għall-fatt li l-azzjoni esterna fil-QFP attwali ma ġietx iffinanzjata biżżejjed, u dan wassal għal rikors sinifikanti għal strumenti speċjali u għal tisħiħ sostanzjali fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu; jinnota, b'mod partikolari, li l-finanzjament tal-għajnuna umanitarja kien tabilħaqq inadegwat, u dan wassal għall-użu spiss tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza;	36. ***Jinnota li l-kriżijiet ġeopolitiċi, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jew is-sitwazzjoni f'Gaża, kienu qed joħolqu pressjoni konsiderevoli fuq l-Intestatura 6 attwali;*** jiddispjaċih għall-fatt li l-azzjoni esterna fil-QFP attwali ma ġietx iffinanzjata biżżejjed, u dan wassal għal rikors sinifikanti għal strumenti speċjali u għal tisħiħ sostanzjali fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu li rriżultaw insuffiċjenti għall-ħtiġijiet identifikati mill-Parlament; ***itenni l-ħtieġa urġenti li jiżdied il-finanzjament u tissaħħaħ il-pożizzjoni ġeopolitika tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni milquta mill-kriżi fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar, bħal-Lvant Nofsani u l-Ukrajna; iqis li l-istrumenti ta' finanzjament tal-azzjoni esterna m'għandhomx ikunu soġġetti għal riallokazzjoni jew għall-użu ta' strumenti speċjali u li r-riżervi ta' emerġenza għandhom jintużaw f'każ ta' ħtieġa urġenti***; jinnota, b'mod partikolari, li l-finanzjament tal-għajnuna umanitarja kien tabilħaqq inadegwat, u dan wassal għall-użu spiss tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza; ***jissottolinja l-importanza assoluta tat-trasparenza, it-traċċabbiltà u l-obbligu ta' rendikont fi ħdan l-istrumenti msemmija hawn fuq, kif ukoll sorveljanza effettiva mill-Parlament Ewropew;***

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, ***mill-ġlieda kontra*** t-tibdil fil-klima, ***sal-provvista ta' għajnuna f'każ ta' diżastri naturali, l-iżgurar tas-sigurtà globali tal-ikel,*** it-titjib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u ***t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen*** tal-provvista globali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni;	37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, ***inklużi l-kriżijiet umanitarji,*** it-tibdil fil-klima ***u s-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija***, it-tijib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u ***jikkontribwixxi għall-istabbiltà tal-katina*** tal-provvista globali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni; ***jappoġġja finanzjament immirat biex jissaħħu s-sigurtà reġjonali, il-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp istituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni li huwa strettament kundizzjonali fuq ir-rispett totali tal-liġi internazzjonali u tal-UE u l-valuri tagħha; jappella għal appoġġ sigur, sufiċjenti u prevedibbli għall-atturi li jipprovdu għajnuna u sokkors biex jinkisbu stabbiltà u sigurtà fit-tul fir-reġjun tal-Lvant Nofsani; jappella għall-iżvilupp ta' strument simili għall-Faċilità għall-Ukrajna, iddedikat għar-rikostruzzjoni ta' Gaża, ladarba jkun ġie stabbilit ftehim politiku għar-rikostruzzjoni tagħha; jappella għal żieda fil-finanzjament għall-appoġġ għad-demokrazija, b'mod partikolari għall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali u għall-Fond Ewropew għad-Demokrazija;***

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-	38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità ***mal-impenji meħuda marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u f'konformità mal-obbligi*** u l-impenji

ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali;

globali tal-Unjoni; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, in-nondiskriminazzjoni*** u l-valuri fundamentali; ***jappella għal strument ta' politika barranija ssimplifikat li jappoġġja l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq li fid-dawl tal-irtirar tal-fondi mill-Istati Uniti, l-UE trid tassumi r-responsabbiltà li tipprovdi finanzjament xieraq għas-soċjetà ċivili u l-isforzi ta' demokratizzazzjoni madwar id-dinja;***

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jinsisti li, minħabba l-iskala tal-kriżijiet umanitarji u l-isfidi globali li qed jiżdiedu, il-finanzjament tal-għajnuna umanitarja jrid jissaħħaħ b'mod sinifikanti u jsir aktar prevedibbli fil-QFP li jmiss, u li l-użu tiegħu jrid jibqa' bbażat biss fuq il-ħtiġijiet;	39. Jinsisti li, minħabba l-iskala ***dejjem tiżdied*** tal-kriżijiet umanitarji u l-isfidi globali li qed jiżdiedu, il-finanzjament tal-għajnuna umanitarja jrid jissaħħaħ b'mod sinifikanti***, jikkorrispondi għal ħtiġijiet li qed jikbru*** u jsir aktar prevedibbli fil-QFP li jmiss, u li l-użu tiegħu jrid jibqa' bbażat biss fuq il-ħtiġijiet; ***jissottolinja l-ħtieġa li jinżammu strumenti speċifiċi ta' għajnuna umanitarja tal-UE u li tiġi evitata kwalunkwe fużjoni possibbli; jinnota l-inċertezza tal-impenji futuri mill-Istati Uniti, li jeħtieġ li jiġu kkumpensati;***

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jenfasizza li, f'kuntest li fih l-atturi	40. Jenfasizza li, f'kuntest li fih l-atturi

globali qed jużaw dejjem aktar l-interdipendenza kummerċjali bħala mezz ta' koerċizzjoni ekonomika, l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipproteġi u tavvanza l-interessi strateġiċi tagħha stess, tiżviluppa għodod aktar robusti biex tiġġieled il-koerċizzjoni u tiżgura reċiproċità ġenwina fis-sħubijiet tagħha;	globali qed jużaw dejjem aktar l-interdipendenza kummerċjali bħala mezz ta' koerċizzjoni ekonomika, l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipproteġi u tavvanza l-interessi strateġiċi tagħha stess, ***tiddiversifika l-alleanzi politiċi u kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi u l-ktajjen tal-provvista tagħha, tindirizza b'mod effettiv id-dipendenza żejda tagħha fuq ċertu pajjiżi terzi,*** tiżviluppa għodod aktar robusti biex tiġġieled il-koerċizzjoni u tiżgura reċiproċità ġenwina fis-sħubijiet tagħha;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jappella għat-tisħiħ tal-offerta tal-Global Gateway permezz ta' pakketti integrati tal-pajjiżi li jikkombinaw l-investiment fl-infrastruttura, il-kummerċ u l-appoġġ makroekonomiku filwaqt li jinkisbu riżultati fir-rigward tal-iżvilupp, inkluż it-tnaqqis tal-faqar; jisħaq li l-istrument ta' finanzjament li jmiss għandu jipprovdi prevedibbiltà biex jiġu żviluppati sħubijiet fit-tul u ta' benefiċċju reċiproku; jappella għal-istabbiliment ta' fond ta' infrastruttura Ewropew-Afrikan;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Iqis li l-QFP li jmiss huwa kruċjali għat-tħejjija tal-Unjoni għat-tkabbir u għall-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni; ifakkar li l-istabbiltà, is-sigurtà u r-reżiljenza demokratika tal-pajjiżi kandidati huma marbuta b'mod inseparabbli ma' dawk tal-UE u jirrikjedu investiment	41. Iqis li l-QFP li jmiss huwa kruċjali għat-tħejjija tal-Unjoni għat-tkabbir u biex jiġi żgurat li l-pajjiżi kandidati tal-UE jirċievu appoġġ finanzjarju strutturat għat-trasformazzjoni istituzzjonali u ekonomika; ifakkar li l-istabbiltà, is-sigurtà u r-reżiljenza demokratika tal-pajjiżi kandidati

strateġiku sostnut biex jappoġġjaw il-konverġenza tagħhom mal-istandards tal-Unjoni;	huma marbuta b'mod inseparabbli ma' dawk tal-UE u jirrikjedu investiment strateġiku sostnut biex jappoġġjaw il-konverġenza tagħhom mal-istandards tal-Unjoni; ***jenfasizza l-importanza li l-pajjiżi kandidati tal-UE jiġu integrati fis-suq intern tal-UE u fl-istrutturi politiċi tal-UE u li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi b'appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-midja indipendenti; jenfasizza li l-preżenza tal-UE fil-pajjiżi kandidati hija essenzjali mhux biss minħabba li dawn il-pajjiżi huma sħab ewlenin għall-UE iżda wkoll minħabba li kwalunkwe vojt li jitħalla jista' jħeġġeġ lir-Russja u liċ-Ċina jsaħħu l-influwenza tagħhom;***

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jindika l-ħtieġa ta' appoġġ immirat b'mod strateġiku għal qabel l-adeżjoni u għat-tkabbir u l-investiment; huwa tal-fehma li l-assistenza ta' wara l-2027 għandha tingħata kemm fil-forma ta' għotjiet kif ukoll fil-forma ta' self; jemmen, f'dak il-kuntest, li l-qafas futur għandu jippermetti mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, inkluż self lill-pajjiżi kandidati li jkun appoġġjat mill-"marġni ta' manuvra" (id-differenza bejn ir-riżorsi proprji u l-limiti massimi tal-QFP);	42. ***Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-QFP li jmiss li jinkorpora l-faċilitajiet il-ġodda biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, ikopri l-10 pajjiżi tat-tkabbir kollha u li jiżgura tħejjija istituzzjonali u ekonomika b'saħħitha għal sħubija fl-UE; jisħaq li jeħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi baġitarji biex jippermettu integrazzjoni gradwali u sinifikanti tal-pajjiżi kandidati fl-UE;*** jindika l-ħtieġa ta' appoġġ immirat b'mod strateġiku għal qabel l-adeżjoni u għat-tkabbir u l-investiment; huwa tal-fehma li l-assistenza ta' wara l-2027 għandha tingħata kemm fil-forma ta' għotjiet kif ukoll fil-forma ta' self; jemmen, f'dak il-kuntest, li l-qafas futur għandu jippermetti mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, inkluż self lill-pajjiżi kandidati li jkun appoġġjat mill-"marġni ta' manuvra" (id-differenza bejn ir-riżorsi proprji u l-limiti massimi tal-QFP)***, bħala sinjal politiku qawwi tal-impenn tal-UE li tintegra l-pajjiżi***

kandidati;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari;	43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari ***u li jiżgura mekkaniżmu ta' kundizzjonalità msaħħaħ, ibbażat fuq ir-rappurtar imtejjeb dwar l-istat tad-dritt u kriterji ċari, b'mod partikolari arkitettura b'saħħitha u funzjonali kontra l-frodi; iqis li l-appoġġ għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tat-tkabbir għandu jibqa' indipendenti mill-progress fir-riforma tal-gvern;***

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun distint mill-assistenza finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti;	44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun distint mill-assistenza finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti; ***jappella għal fond ta' rikostruzzjoni ddedikat għall-Ukrajna u għall-użu ta' assi Russi immobilizzati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;***

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi msaħħa d-diplomazija preventiva tal-UE, inkluż id-djalogu u l-medjazzjoni, bħala strument proattiv tal-politika estera; jappella għal finanzjament kontinwu disponibbli b'mod partikolari għall-medjazzjoni tal-paċi, id-djalogu u l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni, speċjalment f'reġjuni b'riskju għoli, b'reazzjoni għad-domanda dejjem akbar għal inizjattivi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti mmexxija mill-UE;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44b. Jissottolinja r-rwol kostruttiv li għandha soċjetà ċivili vibranti, speċjalment f'termini tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE u għaldaqstant għall-pajjiżi tat-tkabbir; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiżdied l-involviment sinifikanti mas-soċjetà ċivili u l-allokazzjonijiet baġitarji għaliha, speċifikament fejn l-ispazji ċiviċi qed jingħalqu, u b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti; jappella għal aktar finanzjament biex jissaħħu l-kapaċitajiet tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-partijiet ikkonċernati ewlenin fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi ewlenin għall-promozzjoni u l-protezzjoni ta' soċjetà ċivili aktar b'saħħitha;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44c. Jissottolinja l-importanza tar-rwol li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tagħhom fil-pajjiżi kandidati għandhom fil-proċess tat-tkabbir; jemmen fl-importanza tar-rwol li għandhom il-proġetti bejn iċ-ċittadini u l-interazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni fit-tħejjija tas-soċjetajiet għat-tkabbir; jisħaq li l-organizzazzjonijiet mill-pajjiżi tal-adeżjoni għandhom jipparteċipaw fid-diversi programmi tal-UE b'dimensjoni transnazzjonali fuq l-istess livell bħal dawk mill-Istati Membri;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44d. Jissottolinja li l-QFP li jmiss għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra r-repressjoni transnazzjonali u jappoġġja lill-vittmi ta' repressjoni transnazzjonali fl-UE;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jissottolinja l-ħtieġa għal aktar koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE biex jaqdu aħjar l-interessi u l-kompetittività tal-UE; jesprimi rammarju favur finanzjament għall-azzjoni esterna li jappoġġja soluzzjonijiet ġodda fit-teknoloġija ekoloġika, l-innovazzjoni diġitali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-migrazzjoni, filwaqt li jallinja mal-objettivi tal-investiment u l-kummerċ tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-

promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-investimenti tas-settur privat;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45b. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tapprofondixxi l-involviment tagħha mal-ekonomiji emerġenti u r-reġjuni li qed jiżviluppaw permezz ta' programmi ta' investiment sostenibbli; jappella biex il-QFP li jmiss jintroduċi mekkaniżmi ta' finanzjament immirat li jippromwovu l-kooperazzjoni ekonomika, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-armonizzazzjoni regolatorja f'pajjiżi sħab ewlenin;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45c. Jappella għal flessibbiltà akbar fil-linji gwida ta' finanzjament biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet imġiegħla jitilqu minn pajjiż terz ikunu jistgħu jkomplu jirċievu appoġġ, anke jekk jirrilokaw fl-UE; jemmen li l-finanzjament magħżul għal proġetti f'pajjiżi terzi għandu jkun aċċessibbli wkoll għall-organizzazzjonijiet li joperaw mill-UE filwaqt li jkomplu l-ħidma tagħhom dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż affettwat;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45d. Jissottolinja li l-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi għandhom jiġu inklużi bħala objettivi fl-istrumenti ta' finanzjament esterni kollha;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45e. Jisħaq li l-allokazzjonijiet baġitarji għall-programm tematiku dwar il-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti jeħtieġ li jiżdiedu;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jisħaq li ***l-instabbiltà fir-reġjuni ġirien***, il-faqar, it-tendenzi sottostanti fl-iżvilupp ekonomiku u l-bidliet demografiċi għadhom ***jiġġeneraw flussi migratorji lejn l-Unjoni, filwaqt li jagħmlu pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni***; jissottolinja li l-QFP ta' wara l-2027 irid jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt tal-Unjoni dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, f'konformità ***mad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE***; jissottolinja, barra minn hekk, li, f'konformità mal-Patt, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni trid tirrispetta l-liġi tal-UE u tirrispetta l-istandards internazzjonali;	47. Jisħaq li ***instabbiltà, persekuzzjoni, kunflitt, vjolenza, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, faqar, xejriet sottostanti fl-iżvilupp ekonomiku u bidliet demografiċi madwar id-dinja***, ***kif ukoll l-impatti diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima,*** ikomplu ***jikkontribwixxu għal għadd akbar ta' persuni spostati b'mod furzat globalment; jisħaq li 71 % tar-rifuġjati u l-persuni kollha li jeħtieġu protezzjoni huma ospitati f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju***; jissottolinja li l-QFP ta' wara l-2027 irid ***jinkludi baġit suffiċjenti biex jappoġġja l-protezzjoni u l-akkoljenza f'pajjiżi terzi u*** jappoġġja l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt tal-Unjoni dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, ***irregolat mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà globali filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali,*** f'konformità ***mal-valuri tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali***;

	jissottolinja, barra minn hekk, li, f'konformità mal-Patt, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni trid tirrispetta l-liġi tal-UE u tirrispetta l-istandards internazzjonali;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-assistenza futura tal-UE għall-pajjiżi terzi fil-QFP li jmiss tallinja mal-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-paċi, b'salvagwardji robusti biex jiġi evitat li l-fondi jappoġġjaw direttament jew indirettament attivitajiet terroristiċi jew vjolenti;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49b. Jisħaq li ma għandu jkun hemm l-ebda żborż mill-baġit Ewropew għal pajjiżi fejn ksur ippruvat tal-istat tad-dritt jipperikola l-immaniġġjar tal-fondi Ewropej;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust tal-istat tad-dritt, li jibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)	50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust tal-istat tad-dritt, li jibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u konsistenza ħafna akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u konsistenza ħafna akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; ***jirrikonoxxi li madwar 65 % tal-miri tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli jeħtieġu l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jappella għar-restawr ta' bażit iddedikat għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-finanzjament tal-azzjoni esterna biex jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-politiki tal-iżvilupp tal-UE; jirrakkomanda l-integrazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-għodod ta' finanzjament tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali) u l-istrateġija Global Gateway, mingħajr ma jitnaqqas l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-opportunitajiet ta' finanzjament tagħhom; jappoġġja l-iżvilupp ta' indikatur tal-lokalizzazzjoni biex jitkejjel l-impatt tal-azzjoni tal-UE fil-livell lokali biex tiġi żgurata kooperazzjoni fl-iżvilupp aktar effettiva; jappella biex il-QFP li jmiss jiffinanzja programmi ta' kooperazzjoni deċentralizzata, bħas-sħubija għal bliet sostenibbli, u biex itejjeb l-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi sħab; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lis-sigurtà ekonomika billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista, jiġu żgurati materjali u teknoloġiji kritiċi, jiġu diversifikati s-sħubijiet strateġiċi u jissaħħu l-kapaċitajiet industrijali tal-UE għal ekonomija stabbli u kompetittiva;***

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq isegwu objettivi għall-klima u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jappoġġaw il-kompetittività u jsaħħu l-preparatezza tal-Unjoni kontra t-theddid;	53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq isegwu objettivi ***għall-qasam diġitali,*** għall-klima u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jappoġġjaw il-kompetittività, ***jippromwovu l-valuri tal-Unjoni u jissalvagwardjaw l-interessi tagħha,*** u jsaħħu t-tħejjija ***u r-reżiljenza*** tal-Unjoni kontra t-theddid;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***56a. Ifakkar fl-importanza tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", kif definit fir-Regolament dwar it-Tassonomija, l-allinjament mal-prinċipji tad-dritt umanitarju u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-osservanza tagħhom, u d-dritt għall-awtodifiża individwali u kollettiva, minqux fil-Karta tan-NU, fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;**

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni	57. Jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni***

jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti, ikomplu jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;	***Esterna*** u l-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti, ikomplu jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	57a. Jisħaq li s-sottofinanzjament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jipperikola r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi; jissottolinja li r-rati tal-imgħax volatili u ż-żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament għad-delegazzjonijiet tal-UE jirrikjedu soluzzjonijiet flessibbli, bħar-rabta tal-limitu massimu tan-nefqa mhux relatata mas-salarji mar-rati tal-inflazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li tinżamm l-istruttura attwali tan-network tad-delegazzjonijiet tal-UE;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. Jisħaq li l-investiment bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli tal-IT u fl-estrazzjoni tad-data jista' jiġġenera wkoll iffrankar tal-ispejjeż fit-tul u jtejjeb bil-kbir it-twassil tal-politika u t-traċċar tal-infiq;	59. Jisħaq li l-investiment bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli ***u sigura*** tal-IT u fl-estrazzjoni tad-data jista' jiġġenera wkoll iffrankar tal-ispejjeż fit-tul u jtejjeb bil-kbir it-twassil tal-politika u t-traċċar tal-infiq;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
66. Jemmen li, filwaqt li jallokaw porzjon sinifikanti ta' finanzjament għall-objettivi bil-quddiem, il-programmi ta' nfiq għandhom iżommu riżerva ta' flessibbiltà sostanzjali inkorporata, permezz ta' allokazzjoni għal objettivi ta' politika speċifiċi li tkun deċiża mill-awtorità baġitarja; jinnota li r-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI – Ewropa Globali tipprovdi mudell għal tali riżerva ta' flessibbiltà, iżda li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-mobilizzazzjoni tiegħu ma jridx jiġi replikat fil-QFP futur; jindika l-ħtieġa ta' analiżi baġitarja dettaljata biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja jkunu sinifikanti;	66. Jemmen li, filwaqt li jallokaw porzjon sinifikanti ta' finanzjament għall-objettivi bil-quddiem, il-programmi ta' nfiq għandhom iżommu riżerva ta' flessibbiltà sostanzjali inkorporata, permezz ta' allokazzjoni għal objettivi ta' politika speċifiċi li tkun deċiża mill-awtorità baġitarja; jinnota li r-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI – Ewropa Globali tipprovdi mudell għal tali riżerva ta' flessibbiltà, iżda li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-mobilizzazzjoni tiegħu ma jridx jiġi replikat fil-QFP futur; jindika l-ħtieġa ta' analiżi baġitarja dettaljata biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja jkunu sinifikanti; ***jappella b'mod ġenerali għal approċċ aktar strateġiku u li jħalli impatt għall-finanzjament tal-UE barra mill-pajjiż filwaqt li tiġi avvanzata awtonomija strateġika miftuħa;***

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
EEAS
DG INTPA
CoR rapporteur of the report on EU-Africa
Search for Common Ground
UNICEF
Concord

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	18.3.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 45 - : 17 0 : 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Petras Auštrevičius, Jordan Bardella, Dan Barna, Wouter Beke, Robert Biedroń, Adam Bielan, Ľuboš Blaha, Marc Botenga, Helmut Brandstätter, Sebastião Bugalho, Danilo Della Valle, Özlem Demirel, Elio Di Rupo, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Alberico Gambino, Giorgos Georgiou, Bernard Guetta, Hana Jalloul Muro, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, Andrey Kovatchev, Antonio López-Istúriz White, Marion Maréchal, Costas Mavrides, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Hannah Neumann, Leoluca Orlando, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Alexander Sell, Villy Søvndal, Davor Ivo Stier, António Tânger Corrêa, Marta Temido, Hermann Tertsch, Sebastian Tynkkynen, Reinier Van Lanschot, Roberto Vannacci, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Nicola Zingaretti, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pernando Barrena Arza, Krzysztof Brejza, Jaroslav Bžoch, Vasile Dîncu, Jan Farský, Viktória Ferenc, Mircea-Gheorghe Hava, Evin Incir, András László, Yannis Maniatis, Marjan Šarec, Claudiu-Richard Târziu, Matej Tonin, Pekka Toveri, Matthieu Valet, Thomas Waitz, Lucia Yar
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Jüri Ratas, Kristian Vigenin

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

45	+
PPE	Beke Wouter, Brejza Krzysztof, Bugalho Sebastião, Farský Jan, Fourlas Loucas, Gahler Michael, Hava Mircea-Gheorghe, Jukneviciene Rasa, Kalniete Sandra, Kohut Lukasz, Kolár Ondrej, Kovatchev Andrey, López-Istúriz White Antonio, Meimarakis Vangelis, Millán Mon Francisco José, Ratas Jüri, Stier Davor Ivo, Tonin Matej, Toveri Pekka, Zovko Zeljana
Renew	Austrevicius Petras, Barna Dan, Brandstätter Helmut, Guetta Bernard, Sarec Marjan, Vautmans Hilde, Yar Lucia
S&D	Biedron Robert, Dîncu Vasile, Di Rupo Elio, Incir Evin, Jalloul Muro Hana, Maniatis Yannis, Mavrides Costas, Mikser Sven, Picula Tonino, Sánchez Amor Nacho, Schieder Andreas, Temido Marta, Vigenin Kristian
Verts/ALE	Neumann Hannah, Satouri Mounir, Søvndal Villy, Van Lanschot Reinier, Waitz Thomas

17	-
ESN	Sell Alexander
NI	Blaha Lubos, Papadakis Kostas
PfE	Bardella Jordan, Bzoch Jaroslav, Ferenc Viktória, László András, Tânger Corrêa António, Tertsch Hermann, Valet Matthieu, Vannacci Roberto, Vilimsky Harald
The Left	Barrena Arza Pernando, Botenga Marc, Della Valle Danilo, Demirel Özlem, Georgiou Giorgos

6	0
ECR	Bielan Adam, Gambino Alberico, Maréchal Marion, Târziu Claudiu-Richard, Tynkkynen Sebastian
Verts/ALE	Orlando Leoluca

Key:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni